

## Ir-Renju tal-Belġju

### SERVIZZ PUBBLIKU FEDERALI GĦAS-SAĦĦA PUBBLIKA, IS-SIKUREZZA TAL-KATINA ALIMENTARI U L-AMBJENT

#### Digriet Reġju dwar ir-reklamar ta' xarbiel li fihom l-alkoħol

#### FILIPPU, Re tal-Belġjani,

Saħħa lil kull min jinsab preżenti u min għadu ġej.

Wara li kkunsidrajt il-Liġi tal-24 ta' Jannar 1977 dwar il-protezzjoni tas-saħħa tal-konsumaturi fir-rigward ta' oġġetti tal-ikel u prodotti oħra, l-Artikolu 7, § 2;

Wara li kkunsidrajt l-opinjoni tal-Ispettor tal-Finanzi, maħruġa fi XXX;

Wara li kkunsidrajt l-opinjoni XX tal-Kunsill tal-Istat, maħruġa nhar XXX, skont l-Artikolu 84, § 1(1) (2), tal-Atti dwar il-Kunsill tal-Istat, ikkonsolidati fit-12 ta' Jannar 1973;

Wara li kkunsidrajt l-Istrateġija Interfederale dwar l-Użu Dannuż tal-Alkoħol 2023-2025 tad-29 ta' Marzu 2023;

Fuq il-proposta tal-Ministru għas-Saħħa Pubblika,

#### IDDIGRIETAJT U B'DAN NIDDIGRIETA:

**Artikolu 1.** Għall-applikazzjoni ta' dan id-Digriet, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. Reklamar: kwalunkwe komunikazzjoni, irrispettivament mill-post, il-mezzi jew it-tekniki użati, bl-għan dirett jew indirett li jiġi promoss l-għarfien dwar il-marka jew il-bejgħ ta' xarbiel li fihom l-alkoħol. Għall-finijiet ta' dan id-Digriet, it-twaħħil ta' marka jew ta' logo għandu jitqies ukoll bħala reklamar.

2. Xorb/xarbiel li fih(om) l-alkoħol: xarbiel b'perċentwal ta' alkoħol oġġa minn 0.5 fil-mija (%) skont il-volum.

**Artikolu 2.** Ir-reklamar kollu għal xarbiel li fihom l-alkoħol huwa pprojbit matul il-perjodu li jibda minn 5 minuti qabel sa 5 minuti wara programm li huwa mmirat primarjament lejn udjenza minuri.

**Artikolu 3.** Ir-reklamar kollu għal xarbiel li fihom l-alkoħol huwa pprojbit fil-gazzetti u r-rivisti li huma mmirati primarjament lejn udjenza minuri.

**Artikolu 4.** Ir-reklamar kollu għal xarbiel li fihom l-alkoħol huwa pprojbit meta film li huwa

mmirat primarjament lejn udjenja minuri jintwera fiċ-ċinema.

**Artikolu 5.** Ir-reklamar kollu għal xarbiet li fihom l-alkoħol huwa pprojbit fuq il-media diġitali li huma mmirati primarjament lejn udjenja minuri.

**Artikolu 6.** Huwa pprojbit li xarbiet li fihom l-alkoħol jiġu offruti mingħajr ħlas bħala parti minn kampanja promozzjonali, ħliet meta l-konsumatur jixtri xarba li jkun fiha l-alkoħol u bħala parti minn dewqan.

**Artikolu 7.** Kull reklamar għal xarbiet li fihom l-alkoħol għandu jkun fih messaġġ ta' informazzjoni dwar is-saħħa, li l-kontenut u l-forma tiegħu għandhom jiġu stabbiliti mill-Ministru. Huma biss il-messaġġi ta' informazzjoni dwar is-saħħa stabbiliti mill-Ministru li jistgħu jissemmew fuq ir-reklami; kwalunkwe messaġġ ieħor dwar is-saħħa, slogan edukattiv jew kliem ieħor huwa pprojbit.

**Artikolu 8.** Il-ksur ta' dan id-Digriet għandu jiġi investigat, irreġistrat, ipproċessat u jiġi kkastigat f'konformità mal-Artikoli 11 sa 19 tal-Liġi tal-24 ta' Jannar 1977 dwar il-protezzjoni tas-saħħa tal-konsumaturi fir-rigward tal-oġġetti tal-ikel u prodotti oħra.